**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1026/2020 MS*

**Ta' Dernis Limited**

**Vs.**

**Louis Borg, Maria sive Marinella Pisani, Anthony Borg,**
**Caroline Baldacchino u George Baldacchino**

Illum, 28 ta' Ġunju, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fis-6 ta' Novembru, 2020, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

Raguni tat-Talba u Dikjarazzjoni tal-Fatti

Illi permezz ta' konvenju datat sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) is- socjeta attrici flimkien ma Maria Borg u mal-konvenut Louis Borg, Maria sive Marinella Pisani, Anthony Borg u Caroline Baldacchino dehru fuq u ffirmaw konvenju fejn Maria Borg u mal-konvenut Louis Borg, Maria sive Marinella Pisani, Anthony Borg u Caroline Baldacchino obbligaw ruhhom u wieghdu li jbieghu u jitrasferixxu lis-socjeta attrici li obbligat ruhha u wieghdet li tixtri u takkwista minghandhom id-dar bl-arja u s-sottosuol bin-numru disghin (90) fi Triq Gafa, Mosta, libera u franka, kif ahjar deskritta fuq l-istess konvenju u dan versu l-pattijiet u kondizzjonijiet elenkati fl-istess konvenju;

Illi kif ser jirrizulta mill-provi l-konvenju surreferit ma giex debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi interni. Inoltre dan il-konvenju skada ai finijiet u effetti tal-Ligi fil-hamsa (5) ta' Dicembru 2015;

Illi sussegwentement fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), is-socjeta attrici flimkien mal-konvenuti ossia Louis Borg, Maria sive Marinella Pisani, Anthony Borg, Caroline Baldacchino u George Baldacchino dehru fuq u ffirmaw konvenju fejn l-konvenuti obbligaw ruhhom u wieghdu li jbieghu u jitrasferixxu lis-socjeta attrici li obbligat ruhha u wieghdet li tixtri u takkwista minghandhom id-dar bl-arja u s-sottosuol bin-numru disghin (90) fi Triq Gafa, Mosta, libera u franka, kif ahjar deskritta fuq l-istess konvenju u dan versu l-pattijiet u kondizzjonijiet elenkati fl-istess konvenju;

Illi ai termini tal-istess konvenju l-partijiet iddikjaraw li s-socjeta attrici hallset qabel id-data tal-konvenju is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25,600) bhala depositu akkont tal-prezz

Illi filfatt is-socjeta attrici hallset l-ammont tad-depozitu permezz ta' cheque intestat lill- konvenut Louis Borg fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015);

Illi dan il-konvenju tal-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) ukoll ma giex debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Illi di piu dan il-konvenju tal-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) skada ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u għaldaqstant l-partijiet illum jinsabu fl-istatus quo ante dan il-konvenju u konsegwentement ghandha tigi

rifuza s-somma li giet imhallsa bhala depozitu, ossia is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25,600);

Illi l-konvenuti, nonostante debitament interpellati sabiex ihallsu l-bilanc minnhom dovut lis-socjeta attrici, huma baqghu inadempjenti;

Illi minhabba l-fatti fuq esposti kellha tinfetah il-prezenti kawza;

Illi Thomas Mifsud (K.I. Nru 473476M) fil-kwalita' tieghu ta' direttur u ta' rapprezentant legali u gudizzjarju tas-socjeta attrici, jaf b'dawn l-fatti personalment.

għaddiet biex talbet lil din il-qorti, prevja l-għoti ta' kull dikjarazzjoni oħra neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenju datat ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) bejn is-socjeta attrici u l-konvenuti ma huwiex validu stante li ma giex debitament registrat mal- Kummissarju tat-Taxxi Interni;

2. Alternattivament, fl-eventwalita li l-Ewwel Onorabbli Qorti tichad l-ewwel talba, tiddikjara li l-konvenju datat ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) bejn is- socjeta attrici u l-konvenuti skada ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

3. Tiddikjara li per konsegwenza il-konvenuti huma obbligati in solidum li jirrifondu lis- socjeta attrici is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25,600) rapprezentanti depozitu mhallas akkont tal-prezz skont l-istess konvenju datat ghoxrin (20) ta' Gunju tas- sena elfejn u sittax (2016);

4. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€25,600), rapprezentanti depozitu mhallas akkont tal-prezz skont l-istess konvenju datat ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016).

   Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti ingunti minn issa in subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta attrici skond il-Ligi.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fil-25 ta' Jannar 2021[1], li biha huma eċċepew:

1. ILLI din il-kawza u azzjoni fil-premessi u fit-talbiet taghha, hija wahda abbuziva, illegali u anki qarrieqa meta wiehed iqis illi l-fatti veri u proprji, kif graw mill-bidu sal-ahhar flimkien mal-vera intenzjonijiet tal-partijiet ghal dan in-negozju ta' xiri ta' proprjeta', u ghalhekk, tali kawza, **fil-mertu** qed tigi totalment respinta fil-fatt u fid-dritt u meqjusa bhala infondata ghal kollox u ghanda tigi michuda, kif ser jigi spjegat u ccarat aktar l'isfel, fl-eccezzjonijiet tal-esponenti erba' aħwa u r-raġel ta' Caroline Baldacchino, ossia George Baldacchino;

2. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat, illi din hija kawza li giet bbazata fuq iż-żewġ konvenji li saru, wieħed datat sitta (6) ta' Marzu tas-sena 2015 li jinsab anness ma' din ir-risposta u huwa mmarkat Dok. L.B 1 u l-ieħor datat għoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena 2016 li jinsab anness ma' din ir-risposta u huwa mmarkat Dok. L.B 2 u dan wara li s-socjeta' attrici kienet institwiet azzjoni civili referenzjata 878/2017RGM, fil-konfront tal-intimati kollha surreferiti fl-occhio u dana abbażi biss ta' dak minnha msejjaħ bħala konvenju datat 23 ta' Dicembru tas-sena 2015, liema skrittura li ġiet ppreżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti dehret bic-car li kienet waħda fabbrikata u li qatt ma verament saret;

3. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat, illi s-socjeta' Ta' Dernis Limited li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni C-41229, cediet l-azzjoni civili tagħha referenzjata 878/2017RGM fil-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena 2020 u dan wara tliet snin, fejn din il-kawża msemmijja kienet waslet vicin it-tmiem tagħha, propju fl-istadju fejn il-provi tas-socjeta' rikorrenti u tal-intimati kienu ilhom li ngħalqu u allura ħareġ bic-car illi Ta' Dernis Limited ittentat b'mod illegali u qarrieqi tieħu xi forma ta' vantaġġ legali billi kkrejat jew aħjar iffabbrikat skrittura bil-firem tal-esponenti qua intimati, saħansitra bil-firma ta' Maria Borg, omm l-erba' aħwa qua intimati; Anthony Borg, Louis Borg, Maria sive' Marinella Pisani u Caroline Baldacchino, li kienet ħalliet din id-dinja qabel id-data tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena 2015 u għalhekk din ma setgħet qatt tiffirma u tidher fuq l-imsemmijja skrittura vvintata;

[1] A fol.16.

4. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat li la l-konvenju datat sitta (6) ta' Marzu tas-sena 2015 u lanqas dak datat għoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena 2016 ma skadew b'xi imperizja jew traskuragni min-naha tal-esponenti qua konvenuti f'din il-vertenza, li minn dejjem riedu jbieghu u jittrasferixxu l-proprjeta' in kwistjoni u cioe l-fond numru 90 li jinsab fi Triq Gafa, il-Mosta, tant hu hekk li jidher manifestament car li l-esponenti qua intimati stennew fuq li stennew u dan anke peress illi ngħata lilhom kumpens monetarju mill-kumpannijja Ta' Dernis Ltd., iżda s-socjeta' Ta' Dernis Limited baqgħet qatt ma wasslet taddivjeni fuq l-Att Finali ta' Akkwist;

5. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, ikompli jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat, illi mill-mument illi ngħata l-kumpens f'idejn Louis Borg, liema kumpens kien mogħti għall-qua intimati kollha u eżattament mad-data tat- tlieta u għoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena 2015, Thomas Mifsud, fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tal-kumpannija attrici, dakinhar ghamilha cara, diretta u oggettiva mal-esponenti qua intimati, kif ser jigi muri, fil-mori ta' dawn il-proceduri, illi l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (EUR25,600), inghata f'idejn Louis Borg u fuq ismu stess permezz ta' cekk bankarju datat tlieta u għoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena 2015 li jinsab anness u huwa mmarkat bħala Dok. L.B 3, ghan-nom tas-sidien kollha bhala garanzjia ta' kumpens illi jekk l-istess socjeta' ma tasalx illi taghmel l-Att Definittiv f'tali skadenza ta' dan l-istess konvenju, allura, dan l-ammont kellu jintilef u jigi totalment percepit mis-sidien kollha qua konvenuti f'din l-istess kawza. Oltre minhekk, gie mifthiem ukoll, illi s-socjeta' attrici kienet lesta thallas hamsa fil-mija (5%) fuq l-ammont bilancjali li kien fadal x'jithallas, u dan sakemm jigi ppubblikat l-Att Finali u Definittiv;

6. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, ikompli jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat, illi l-esponenti qua konvenuti flimkien mal-ġja defunta Maria Borg, rcevew ittra ġudizzjarja datata tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena 2016 min-naħa tal-kumpannijja Ta' Dernis Ltd. li hija annessa u mmarkata Dok. L.B 4, fejn permezz ta' din l-intimazzjoni, huma ġew interpellati jaddivjenu fuq dak hekk imsejjaħ bħala konvenju datat tlieta u għoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena 2015 u anke' ġie dikjarat li dan 'il-konvenju' ġie debitament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Madanakollu, Ta' Dernis Ltd. ma ssemmix din l-interpellanza u lanqas l-iskrittura surreferita f'din l-eccezzjoni li fuqha sejset l-azzjoni civili tagħha referenzjata 878/2017RGM, li kif ingħad ġiet ceduta wara 'l fuq minn

tliet snin ta' proceduri litiġjużi fuq din il-vertenza quddiem din l-Onorabbli Qorti;

7. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, ikompli jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat, illi l-esponenti qua konvenuti, imxew b'lealta' assoluta u b'gustizzja liema bhala mad-Direttur ta' din il-kumpannija u mal-kumpannija stess, ghaliex huma ma qabdux mal-ewwel u bieghu u ttrasferixxu l-propjeta' lil haddiehor fil-mument illi kien skada, la l-ewwel u lanqas it-tieni konvenju, kif kellhom kull dritt li jaghmlu, imma peress illi huma kienu diga' assorbew skond ftehim verbali li sar dan il-kumpens ta' flus stante illi s-socjeta' attrici kienet falliet li tersaq anki matul it-terminu koncess li dejjem effettivament skada, huma ddecidew minn jeddhom li jistennew, u hekk sar, purament, ghaliex id-Direttur tal-kumpannija attrici u cioe' Thomas Mifsud, baqa' jittamahom unilateralment illi ser jersaq ghal kuntratt definittiv f'terminu qasir u ragjonevoli, bejn l-ewwel u t-tieni konvenju li saru u saħansitra anke' wara li skada t-tieni u l-aħħar konvenju datat għoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena 2016.

8. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, ikompli jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat, illi tali agir abbuziv u negligenza grossolana min-naha d-Direttur tal-kumpannija attrici komplew jidhru u johrogu b'mod car, dirett u oggettiv ghaliex mhux talli dan id-Direttur ma resaq qatt, izda talli f'Mejju tas-sena 2017, u cioe disa' (9) xhur wara, l-esponenti qua konvenuti gew kostretti minhabba l-fatt illi ghadda zmien ezagerat u bdew jitilfu diversi offerti ta' terzi kumpraturi, illi jintavolaw ittra ufficcjali datata 2 ta' Mejju 2017 li hija annessa ma' din ir-risposta u mmarkata <u>Dok. L.B. 5</u>, fejn fiha spjegaw b'mod car u dirett, illi ghalkemm ma kienux marbutin legalment illi jbieghu u jittrasferixxu tali proprjeta' immobiljari izjed lil kumpannija attrici, huma kienu lesti li jtuh zmien qasir biex jersaq u fin-nuqqas, huma kienu ser jaghzlu li jbieghu lil terzi persuni billi ukoll jiehdu bi dritt dak illi kien gie mifthiem li jiehdu kif reklamat u stabbilit aktar il-fuq;

9. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, u salv dak stabbilit ikompli jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat illi anke fl-ittra ufficcjali mibgħuta mis-socjeta' attrici Ta' Dernis Ltd. datata sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena 2017, Ta' Dernis Ltd., għamlet accenn u kitbet solament dwar dak minnha imsejjaħ bħala konvenju bid-data tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena 2015, fejn ġie stipulat illi dan l-imsejjaħ konvenju ġie debitament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Permezz ta' l-imsemmija ittra ufficcjali, l-intimati Maria Borg, Anthony Borg, Louis

Borg, Maria Pisani u Caroline Baldacchino ġew interpellati sabiex fi żmien tliet ijiem min-notifika tal-ittra jirrifondu s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25, 600). Din l-ittra tinsab annessa u hija mmarkata Dok. L.B. 6;

10. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, u salv dak stabbilit ikompli jigi ccarat, ddikjarat u kkonfermat illi d-Direttur tal-kumpannija attrici anki kieku stess, kellu l-intenzjoni li jipprova jxolji ruhu minn dan il-konvenju ghal raguni valida fil-ligi, huwa kellu javza lis-sidien qabel l-iskadenza tat-tieni konvenju li sar, u dana permezz ta' ittra ufficcjali, illi huwa mhuwiex dispost jersaq ghal Att Definittiv ta' xiri, u b'hekk, ikollu d-dritt illi jiehu lura dan l-ammont ta' flus. Jibqa' l-fatt pero, illi dan mhux biss ma sarx min-naha tad-Direttur tal-kumpannija attrici, imma, ma sarx, proprju ghal fatt car hafna kif ser jigi spjegat fil-mori ta' dawn il-proceduri illi d-Direttur tal-kumpannija attrici kien jaf ben tajjeb illi kien qed jirriskja illi jitlef dan il-kumpens illi nghata proprjament sabiex jigi assigurat illi kien ser jasal biex jaghmel dan l-Att Definittiv;

11. ILLI dawn huma ragunijiet fattwali u legali dwar kif dan in-negozju potenzjali, li llum ma sehhx, gie trattat, fejn kellek fuq in-naha 'l wahda, sidien genwini illi kellhom proprjeta' li giet mill-familja u li qatt u fl-ebda okkazjoni ma kellhom problema biha, u li f'kull stadju, kemm fl-ewwel konvenju u kif ukoll fit-tieni konvenju dejjem kienu disposti li jersqu ghal kuntratt finali ta' bejgh, u li addirittura taw cans oltre milli bizzejjed lill-kumpratur biex jixtri tali proprjeta' billi jhallas dak mifthiem bhala prezz tal-bejgh, ghaliex stennew anki sa disa' xhur wara li skada t-tieni konvenju li sar bejn il-partijiet, u fuq in-naha l-ohra, kellek kumpratur potenzjali illi bhala stat ta' fatt ma onora ebda obbligu legali biex verament jersaq ghax-xiri effettiv ta' din il-proprjeta', u cioe l-fond numru 90 li jinsab fi Triq Gafa, il-Mosta, u dak li ghamel kien biss illi pprokrastina process billi anki dahal f'riskju serju li jitlef kumpens ta' flus, kif verament gara, illi ghadda lill-intimati.

12. ILLI finalment u stante illi l-kumpannija attrici azzardat tiehu din il-via gudizzjarja illi kif gie spjegat diga', hija wahda abbuziva, illegali u qarrieqa, il-konvenuti qeghdin ihossuhom serjament ippregudikati u qeghdin minn issa, jirriservaw id-dritt ukoll ghal danni ulterjuri li setghu garrbu tenut kont illi huma stennew hafna iktar zmien oltre dak koncess lill-kumpannija attrici biex tersaq ghax-xiri effettiv ta' din il-proprjeta' kif gie spjegat diga';

13. ILLI in linea mal-eccezzjoni precedenti, il-konvenuti qeghdin ihossuhom serjament ippregudikati u qeghdin

minn issa, jirriservaw id-dritt ukoll ghal danni ulterjuri spettanti lilhom, stante illi s-socjeta' rikorrenti cediet l-azzjoni civili tagħha referenzjata 878/2017RGM nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena 2020 u dan wara tliet snin, fejn din il-kawża msemmijja kienet waslet vicin it-tmiem tagħha u reġgħet fetħet mill-ġdid il-proceduri ġudizzjarji odjerni fuq l-istess vertenza kif issa dedotta differentement;

14. ILLI salv eccezzjonijiet ulterjuri, din il-kawza ghandha ghalhekk meta wiehed jikkunsidra kollox fid-dawl ta' dak eccepit, tigi respinta kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-atti gudizzjarji kollha li saru a priori u li ser isiru, kontra l-kumpannija attrici sakemm tinqata' din il-vertenza u bir-riserva ghal azzjonijiet gudizzjarji ulterjuri. Il-kumpannija attrici, d-Diretturi u l-azzjonisti taghha huma wkoll minn issa ngunti in subizzjoni.

3. Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2021[2], minn fejn jirriżulta li l-kontendenti qablu dwar is-segwenti:

1) Il-konvenju tal-20 ta' Gunju 2016, ma giex registrat mal-awtoritajiet kompetenti u lanqas thallas f'idejn l-awtorita kompetenti t-taxxa provizorja.
2) Illi s-socjeta attrici m'ghadditx lin-Nutar Casingena l-ammont ta' taxxa provizorja li kellhu jithallas lill-awtorita kompetenti mar-registrazzjoni tal-konvenju

4. Rat ukoll l-atti kollha tal-kawża bin-numru 878/2017 RGM fl-ismijiet "Ta' Dernis Limited vs. Maria Borg et", li ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna b'dikriet mogħti fil-25 ta' Jannar, 2021;

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura qabel ma l-kawża ġiet riassenjata lil din il-qorti kif presjeduta, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Semgħet ix-xhieda prodotti wara r-riassenjazzjoni tal-kawża lil din il-qorti kif presjeduta;

7. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

[2] A fol.14.

8. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

9. Illi din hija azzjoni għar-rifużjoni ta' flejjes imħallsin mill-attriċi lill-konvenuti b'titolu ta' depożitu akkont tal-prezz fuq konvenju.

10. Illi jkun utili li qabel xejn jiġu rikapitolati l-fatti tal-każ, li jistgħu jiġu brevement riassunti kif ġej:

    (i) fis-6 ta' Marzu 2015[3], jidher li saret skrittura bejn l-attriċi, rappreżentata minn Emanuel Mifsud, u Maria Borg kif ukoll il-konvenuti Louis Borg, Anthony Borg, Maria Pisani u Caroline Baldacchino. B'din l-iskrittura, l-imsemmija konvenuti u Maria Borg obbligaw ruħhom li jbiegħu lill-attriċi, li ntrabtet li tixtri mingħandhom, il-fond bin-numru disgħin (90) fi Triq Gafa fil-Mosta (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala «il-Fond»). Il-prezz miftiehem kien ta' €256,200, u fl-iskrittura jingħad li l-attriċi ħallset dakinhar stess akkont tal-prezz is-somma ta' €25,600 permezz ta' *cheque* li kellu jibqa' f'idejn in-nutar u jingħata lill-vendituri meta joħorġu l-permessi ta' żvilupp. Ġie miftiehem ukoll li dan id-depożitu akkont tal-prezz kellu jintilef favur il-vendituri kemm-il darba l-attriċi ma tersaqx għall-att finali mingħajr raġuni valida;
    (ii) il-wegħda ta' bejgħ-u-xiri magħmula bl-iskrittura tas-6 ta' Marzu 2015 saret «*Soġġett għal self minn Bank*» kif ukoll «*Soġġett illi jinħareġ permess mill-MEPA għall-kostruzzjoni skond applikazzjoni illi ser jissottometti l-Perit tal-kumpratur, għal basement / semi-basement, tlett sulari u penthouse level*»;
    (iii) fl-4 ta' Diċembru 2015[4], l-attriċi ressqet ittra uffiċċjali bin-numru 4051/2015 li biha nterpellat lill-vendituri fuq il-konvenju tas-6 ta' Marzu 2015 sabiex jersqu għall-att finali tal-bejgħ;

[3] Ara fol.25.
[4] Ara fol.80.

(iv) ġiet eżebita skrittura datata 23 ta’ Diċembru 2015[5], li tidher li hija konvenju ieħor bejn l-attriċi, rappreżentata minn Thomas Mifsud, u Maria Borg kif ukoll il-konvenuti Anthony Borg, Louis Borg, Marinella Pisani u Caroline Baldacchino, dwar il-Fond. Il-prezz baqa’ l-istess kif miftiehem, iżda l-attriċi ħallset lill-konvenuti s-somma ta’ €25,600 akkont tal-prezz fuq l-istess skrittura, u ġie miftiehem mill-ġdid li din is-somma tintilef favur il-vendituri jekk l-attriċi ma tersaqx għall-att finali bla raġuni valida. Il-bqija tal-pattijiet u tal-kondizzjonijiet miftehma fuq dan il-konvenju jidher li baqgħu l-istess. Dan il-konvenju ingħata perjodu ta’ validità ta’ ħames xhur. Madanakollu jidher li meta saret din l-iskrittura, Maria Borg kienet mejta. Fil-fatt jirriżulta li Maria Borg mietet fis-6 t’Awwissu 2015[6];

(v) il-konvenuti kollha sostnew li din l-iskrittura tat-23 ta’ Diċembru 2015 kienet fabbrikata[7]. Minkejja dan, Thomas Mifsud, id-direttur tal-attriċi, xehed b’affidavit li fit-23 ta’ Diċembru 2015 huwa deher fuq konvenju mal-konvenuti, flimkien ma’ Maria Borg[8]. Ġiet eżebita wkoll dikjarazzjoni iffirmata iżda mhux maħlufa min-Nutar Ruben Casingena li din l-iskrittura ma kinitx ġiet preparata minnu u li ma jidhirx li d-dokument huwa awtentiku[9];

(vi) jidher li s-somma ta’ €25,600 tħallset lill-konvenut Louis Borg b’*cheque* datat 23 ta’ Diċembru 2015, li ssarraf ftit wara[10]. Il-konvenut Louis Borg xehed li l-ħlas ta’ din is-somma sar f’idejh u kien favurih u favur il-konvenuti l-oħra b’titolu ta’ kumpens talli komplew jagħtu lill-attriċi opportunità biex takkwista l-Fond[11], għad illi dan l-ammont kellu jinqata’ mill-prezz għall-bejgħ tal-Fond[12];

(vii) fit-23 ta’ Mejju 2016, l-attriċi nterpellat lill-konvenuti jersqu għall-att finali ta’ bejgħ b’ittra uffiċċjali bin-numru 1749/2016[13], u dan skont il-konvenju tat-23 ta’ Diċembru 2015. Fl-ittra uffiċċjali ntqal li dan il-konvenju huwa reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;

---

[5] Ara fol.35.
[6] Ara kopja tal-estratt tal-mewt eżebit a fol.51H tal-kawża bin-numru 878/2017.
[7] Ara wkoll ix-xiehda in kontro-eżami ta’ Caroline Baldacchino, a fol.240.
[8] Ara fol.95 tal-kawża bin-numru 878/2017.
[9] Ara fol.217 tal-kawża bin-numru 878/2017.
[10] Ara fol.29, kif ukoll ix-xiehda ta’ Johanna Bartolo, a fol.97-98.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit ta’ Louis Borg, a fol.119.
[12] Ara x-xiehda tal-konvenut Louis Borg, fuq domanda tal-qorti, a fol.206.
[13] Ara fol.30 u fol.86.

(viii) fl-20 ta' Ġunju 2016[14], sar konvenju ieħor bejn l-attriċi u l-konvenuti kollha f'din il-kawża dwar il-Fond. Il-prezz miftiehem baqa' ta' €256,200. Fl-iskrittura, intqal li l-attriċi ħallset qabel dakinhar depożitu akkont tal-prezz fl-ammont ta' €25,600, u l-attriċi ntrabtet li tħallas imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena fuq il-bilanċ tal-prezz sakemm isir l-att finali. F'din l-iskrittura, ma ġiex inkluż il-patt illi d-depożitu mħallas akkont tal-prezz jintilef favur il-vendituri kemm-il darba l-attriċi tonqos milli tersaq għall-att finali mingħajr raġuni valida. Ġie miftiehem li l-att finali kellu jsir sal-1 t'Awwissu 2016;

(ix) dan il-konvenju ma kienx ġie reġistrat mal-awtoritajiet fiskali. Jidher però li minkejja dan in-nuqqas, in-Nutar Casingena, li kien in-nutar li rrediġa dan l-aħħar konvenju u li kien delegat mill-komparenti sabiex jirreġistra l-istess konvenju malli jirċievi l-ħlas, kien ingħata struzzjonijiet mill-attriċi biex xorta waħda jħejji r-riċerki għaliex il-kuntratt kellu jsir xorta waħda. In-Nutar Casingena xehed li dawn l-istruzzjonijiet ingħatawlu mill-attriċi li qaltlu li kienet qed tikkonsulta mal-vendituri[15];

(x) il-konvenuti xehdu li huma ma kienux jafu x'inhuma r-riperkussjonijiet tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-konvenju mal-awtoritajiet fiskali, u lanqas ma kienu jafu li fil-konvenju tal-20 ta' Ġunju 2016, inkiteb li jekk it-taxxa provviżorja ma titħallasx mill-attriċi fi żmien tliet ijiem, in-nutar ikun meħlus mir-responsabbilità[16]. Jgħidu wkoll li n-Nutar Casingena qatt ma qalilhom li l-attriċi ma kinitx ħallset it-taxxa provviżorja[17];

(xi) fis-7 t'Awwissu 2017, l-attriċi nterpellat lill-konvenuti jħallsuha lura s-somma ta' €25,600 b'ittra uffiċċjali bin-numru 2845/2017[18];

(xii) effettivament jidher li l-ebda wieħed mill-konvenji fuq imsemmija ma ġie reġistrat mal-awtoritajiet fiskali[19];

---

[14] Ara fol.27.
[15] Ara x-xiehda tan-Nutar Reuben Casingena, a fol.66.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Louis Borg, a fol.117; kif ukoll tal-konvenuta Caroline Baldacchino a fol.122, tal-konvenut Anthony Borg a fol.123, tal-konvenuta Maria Pisani a fol.124 u tal-konvenut George Baldacchino a fol.125.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Louis Borg, a fol.118.
[18] Ara fol.34 u fol.90.
[19] Ara x-xiehda ta' Caroline Mifsud, a fol.93.

(xiii) irriżulta wkoll li l-attriċi kienet applikat għall-ħruġ ta' permess ta' żvilupp fuq il-Fond, bin-numru PA/01608/2016, liema permess inħareġ fl-4 ta' Jannar 2017[20]. L-applikazzjoni saret fit-3 ta' Ġunju 2015[21];

(xiv) fis-26 ta' Settembru 2017, l-attriċi pproċediet b'kawża kontra Maria Borg, Anthony Borg, Louis Borg, Maria Pisani u Caroline Baldacchino, liema kawża ġiet istitwita permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 878/2017. B'dik il-kawża, l-attriċi riedet li l-konvenju datat 23 ta' Diċembru 2017 jiġi dikjarat bħala mhux validu billi ma ġiex irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi, u riedet għalhekk li titħallas lura s-somma ta' €25,600. Din il-kawża ġiet ċeduta fis-6 ta' Novembru 2020, sabiex l-attriċi «tirregola ruħha».

11. Illi esposti l-fatti tal-każ, imiss issa li l-qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-azzjoni tal-attriċi sabiex tifforma l-fehma tagħha dwar jekk dik l-azzjoni jistħoqqilix tirnexxi jew le.

12. Illi l-qorti jidhrilha li, bħala punt ta' tluq, għandu jiġi puntwalizzat li l-azzjoni attriċi hija dik magħrufa bħala *actio indebiti solutio*, u ċjoè dik l-azzjoni li biha wieħed jitlob li jingħata lura dak li ħallas bla raġuni (ara, per eżempju, ***Carmela Cassar et vs. Tarcisio Azzopardi et***, Appell Superjuri, 31/1/2019; kif ukoll ***Western Company Limited vs. Salvu Pisani et***, Appell Superjuri, 30/11/2023; li entrambi kienu jirrigwardaw azzjonijiet għar-radd lura ta' flus imħallsin fuq konvenju).

13. Illi d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili huma dawn li ġejjin:

> **1021.** Kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċiviha bla jedd.
>
> **1022.** (1) Kull min, billi jaħseb bi żball li hu debitur, iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur.
> (2) Iżda, dan il-jedd jispiċċa jekk, minħabba dak il-ħlas, il-kreditur ikun, b'bona fidi, telaq minn idejh il-prova jew il-garanzija ta' dak il-kreditu, bla ħsara tal-jedd ta' dak li jkun ħallas li jdur kontra l-veru debitur.

[20] Ara fol.172.
[21] Ara x-xiehda ta' Oliver Magro, a fol.51B tal-kawża bin-numru 878/2017.

> **1147.** (1) Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura.
> (2) Iżda, ma hemmx jedd ta' azzjoni għall-ħlas lura jekk dak li tħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obbligazzjoni naturali.

14. B'mod ġenerali, huwa miżmum fid-duttrina legali li l-elementi li jikkomponu din l-azzjoni huma tlieta, u ċjoè: (i) il-ħlas, (ii) li jsir b'nuqqas ta' kawża, u (iii) l-iżball min-naħa ta' dak li ħallas[22]. Inżamm ukoll li: «*Il pagamento dell'indebito si ha in tre casi: 1º quando si è pagata una cosa senza che vi fosse un debito; 2º quando vi era un debito, ma era dovuto da una persona diversa da quella che ha pagato; 3º quando la cosa pagata era dovuta ad una persona diversa da quella che l'ha ricevuta*»[23]. Ġie sewwa ritenut fid-deċiżjoni ***Maria Galea vs. Grace Borg*** (Prim'Awla, 12/10/2005)[24]:

> Markatament, din id-diversità tikkonsisti fil-fatt li mentri fil-każ ta' l-indebitu *ex persona* il-pagament irid ikun sar bi żball, fil-kaz ta' l-indebitu *ex re* id-debitu li bil-ħlas ġie estint ma jeżistix affattu. Dan jew għaliex qatt ma eżistiet l-kawża oriġinarja tar-rapport ("c*ondictio indebiti sine causa*") jew għaliex din il-causa ġiet nieqsa suċċessivament in kwantu annullata jew għax tkun seħħet il-kondizzjoni sospensiva li taħta kienet sottoposta ("*condictio indebiti ab causam finitum*"). F' din l-aħħar ipotesi ta' indebitu oġġettiv huwa għalhekk irrilevanti l-iżball, o meno, fis-solvens. Dan anke għaliex l-istess liġi ma tipprovdix dwaru fl-Artikolu 1147.

15. Dan għalhekk ifisser li l-element tal-iżball huwa neċessarju li jeżisti biss fejn il-ħlas indebitu jkun sar minn min ħaseb li hu debitur u ma kienx, jew fejn il-ħlas ikun sar lil persuna li min ħallas erronjament ħasibha kreditur tiegħu, u ċjoè fejn l-indebitu jkun *ex persona*. Fejn l-ipoteżi tal-indebitu tkun *ex re*, l-ġurisprudenza l-aktar riċenti rriteniet li l-iżball mhux ingredjent neċessarju tal-azzjoni (ara ***Alfred Bugeja et vs. Cottonera Waterfront Group plc***, Appell Inferjuri, 3/10/2008 u r-rassenja hemmhekk kontenuta).

16. Issa mill-provi li tressqu rriżulta sodisfaċentement illi l-ebda wieħed miż-żewġ konvenji ffirmati mill-kontendenti, u ċjoè dawk datati 6 ta' Marzu 2015 u 20 ta' Ġunju

---

[22] Ara ***Il Digesto Italiano***, vuċi «Condictio Indebiti», §1; kif ukoll ***Maria Bianco vs. Nutar Paul Pellegrini Petit*** (Prim'Awla, 25/5/1954 – Kollezz. Vol.XXXVIII.ii.483).
[23] ***Laurent***, Principii di Diritto Civile, Vol.XX, §343.
[24] Konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar 2008.

2016, ma ġew reġistrati mal-awtoritajiet fiskali, bil-konsegwenza li skont l-artikolu 3(6) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, dawk l-istess konvenji huma nulli u mingħajr ebda effett.

17. Din in-nullità hija waħda radikali, li tolqot l-eżistenza ġuridika taż-żewġ konvenji, b'mod li ħadd mill-kontendenti ma jista' jvanta jew jippretendi xi jeddijiet legali naxxenti minn dawn iż-żewġ konvenji.

18. B'differenza minn każijiet oħrajn li fihom ukoll jintalab ħlas lura ta' dak imħallas fuq konvenju, fil-każ odjern irriżulta abbundantement illi l-ħlas li qed titlob lura l-attriċi ma sarx fuq jew kontestwalment ma' xi konvenju, minkejja kull impressjoni differenti li tipprova tagħti l-attriċi bl-użu li għamlet mill-iskrittura tat-23 ta' Diċembru 2015 fil-kawża bin-numru 878/2017. Anzi, jirriżulta li dak il-ħlas sar aktar minn disa' xhur wara l-konvenju tas-6 ta' Marzu 2015, u ferm u ferm qabel ma ġie ffirmat il-konvenju tal-20 ta' Ġunju 2016.

19. L-attriċi iżda tgħid li dak il-pagament ingħata l-libsa ta' depożitu akkont tal-prezz mill-kontendenti meta ġiet iffirmata l-iskrittura tal-20 ta' Ġunju 2016.

20. Dan hu minnu, iżda dak miftiehem fl-iskrittura tal-20 ta' Ġunju 2016 ma jiswiex billi dik l-iskrittura hija radikalment nulla. L-attriċi kien imissha ħallset it-taxxa provviżorja jekk riedet tieħu xi benefiċċju minn dak miftiehem f'din l-iskrittura, u la naqset li tottempora ruħha mal-liġi, issa ma tistax tipprova tieħu xorta waħda xi vantaġġ mill-iskrittura li ġiet milquta minn nullità b'nuqqas tagħha stess.

21. Dan għalhekk ifisser li l-ħlas li sar fit-23 ta' Diċembru 2015 ma sarx fil-kuntest ta' konvenju, u l-fatt li xi żmien wara l-partijiet ftehmu li dak il-ħlas jitqies depożitu akkont tal-prezz ma jiswa xejn, la darba dak il-ftehim ma jiswa xejn f'għajnejn il-liġi.

22. Kif iseħħ f'kull każ fejn l-indebitu jkun allegat minħabba *causa data causa non secuta*, l-indaġini tal-qorti għandha tkun ristretta għal eżami dwar jekk il-kawża li għaliha sar il-ħlas ġietx nieqsa, u jekk dak il-ħlas jistax jitqies ġustifikat bis-saħħa ta' xi obbligazzjoni naturali.

23. Fil-każ odjern, il-qorti għandha prinċipalment ix-xiehda tal-konvenut Louis Borg li, b'mod konsistenti kemm fl-atti ta' din il-kawża u kemm fl-atti tal-kawża bin-numru 878/2017, xehed li l-ħlas tas-somma in kwistjoni sar mill-attriċi bħala kumpens sabiex l-attriċi ssalva n-negozju li kellha mal-konvenuti u tikseb mill-ġdid mingħandhom l-opportunità li takkwista l-Fond permezz ta' konvenju ieħor. Din ix-xiehda ma ġietx meruta b'ebda prova oħra – kemm hu hekk, l-attriċi ressqet biss ix-xiehda ta' Thomas Mifsud li kkonferma li l-ħlas għaddieh lill-konvenuti «*biex jersqu għall-extension tal-konvenju*». Fil-fatt, minflok estensjoni xhur wara sar konvenju ieħor. Mifsud jgħid li l-ħlas sar bħala depożitu akkont tal-prezz, u sa ċertu punt dan huwa konfermat mill-konvenut Louis Borg, li waqt ix-xiehda tiegħu quddiem din il-qorti, xehed li s-somma ta' €25,600 mħallsa f'Diċembru 2015 kellha titnaqqas mill-prezz miftiehem għall-bejgħ tal-Fond. Dan però ma jbiddilx il-fatt li meta sar il-ħlas, il-ħlas ma sarx b'titolu ta' depożitu akkont tal-prezz għaliex biex ikun jista' jingħad li sar ħlas b'titolu ta' depożitu akkont tal-prezz, irid ikun hemm bejgħ kompletat jew inkella wegħda ta' bejgħ valida, u kif rajna, fit-23 ta' Diċembru 2015 ma kien hemm xejn minn dan. Lanqas ma jista' jingħad li l-ħlas assuma dak it-titolu minħabba dak li ġie miftiehem fl-iskrittura tal-20 ta' Ġunju 2016, la darba dik l-iskrittura, kif rajna, hija nulla.

24. Il-qorti għalhekk qed tasal għall-konklużjoni, fuq l-apprezzament tagħha tax-xhieda prodotti, li l-ħlas sar mill-attriċi lill-konvenuti sabiex l-attriċi tikseb mingħand il-konvenuti żmien itwal biex tasal għax-xiri tal-Fond, u l-konvenuti żammew mal-kelma li taw lill-attriċi għaliex xhur sħaħ wara, iffirmaw konvenju ieħor magħha.

25. Fil-fehma tal-qorti allura ma jistax jingħad li l-*causa* tal-ħlas magħmul mill-attriċi ġiet nieqsa, għaliex ir-raġuni li minħabba fiha sar dak il-pagament, u ċjoè l-ksib tar-rieda tajba tal-konvenuti, mhux talli ma ġietx nieqsa talli twettqet kif kien maħsub mill-partijiet. Din il-konklużjoni ma tixxellef xejn mill-fatt li l-kontendenti ma ffirmaw ebda skrittura <u>valida</u> dwar il-ftehim li kellu jirregola l-ħlas tas-somma ta' €25,600. Ir-regola hi li kull ftehim huwa validu u vinkolanti anke jekk magħmul verbalment, ħlief fejn il-liġi teżiġi l-formalità ta' skrittura jew att pubbliku. Lil din il-qorti ma jirriżultalix li dak li ġie miftiehem mill-kontendenti dwar dan il-pagament u kif riżultanti mix-xiehda ta' Louis Borg, kien jinneċessita l-formalità ta' skrittura privata jew att pubbliku.

26. F'dan il-kuntest, u b'żieda mal-premess, il-qorti tirrileva wkoll li huwa prinċipju ta' dritt akkolt dak li jeskludi l-azzjoni tar-ripetizzjoni tal-indebitu meta jirriżulta li dak imħallas kien dovut anki abbażi ta' obbligazzjoni naturali.

27. ***Pothier*** jispjega: «*Secondo questo principio, non vi è luogo alla ripetizione, quando la cosa che è stata pagata era bensi una cosa non dovuta secondo il foro civile, ma dovuta però in quello dell'onore e della coscienza: imperocchè, sebbene nel senso proprio dei termini, una cosa non sia dovuta senonchè quando è dovuta in virtù di una obbligazione civile, giusta le definizione della legge 108 de verb. signif. Debitor intelligitur is, a quo invito exigi pecunia potest; e che in conseguenza la cosa, la quale non era dovuta che nel foro della coscienza, ed in virtù di una obbligazione puramente naturale, fosse in rigore una cosa non dovuta; tuttavia non si può dubitare che questa obbligazione naturale, che ha voluto soddisfare colui che l'ha pagata, non sia stata un motivo reale e probabile di farne l'pagamento; e ciò basta ad escludere la ripetizione*»[25]. Fehma li hija miżmuma minn diversi kittieba oħrajn – ***Giorgi*** fil-fatt isostni li: «*che per obbligazioni naturali nel diritto odierno devonsi intendere obblighi di morale; e che proprio per rispetto alla morale non può ammettersi la ripetizione di ciò che sia stato pagato spontaneamente in soddisfazione di un obbligo siffatto, quantunque per erronea credulità di esservi tenuti civilmente*»[26]. U ***Toullier*** fisser li: «*la ripetizione adunque non deve aver luogo in tutti i casi ne'quali esista una causa di pagamento ragionevole e verosimile, quando anche la cosa pagata non fosse dovuta nel senso legale e rigoroso della parola, secondo la quale una cosa non è dovuta se non quando vi è un'azione civile per esigerla*»[27].

28. Illi l-ġurisprudenza tagħna kkonsakrat dawn il-prinċipji esposti fid-duttrina legali. Fid-deċiżjoni ***Filippo Magri ed altri vs. Filippo Gauci ed altri*** (Appell Superjuri, 31/10/1887)[28] intqal:

> Se adunque colui che ha ricevuto non aveva azione per costringere in giudizio colui che ha pagato; ma nel foro della coscienza costui sarebbe stato tenuto a pagare, questi

---

[25] Opere, Vol.II, Trattato del Contratto di Prestito di Consumo: Parte Terza, Del Quasi Contratto detto Promutuum e dell'azione condictio indebiti, §156.
[26] Teoria delle Obbligazioni, Vol.V, §102. Ara wkoll ***Il Digesto Italiano***, loc cit, §15.
[27] Il Diritto Civile Francese (Napoli, 1864), Vol.VI, §87.
[28] Kollezz. Vol.XI.433.

> non è fornito di azione per ripetere ciò che ha pagato, quantunque non sia civilmente tenuto. "Naturales obligationes non ex eo solo aestimantur, si actio aliqua earum nomine competit, verum etiam eo si soluta pecunia repeti non possit" (L.10. D. de obblig. et act.) L'obbligazione esiste sempre, quantunque non vi sia l'atto che lo comprovi, od il creditore non abbia mezzi a provarla; essa è riposta nella coscienza, la quale è la base d'ogni obbligazione, e se la coscienza spinge il debitore a pagare ciò che deve, non ostante che il creditore non abbia il diritto di costringerlo civilmente, sia perchè non v'ha legge civile che lo obblighi, sia perchè la legge politica esoneri il cittadino, per i suoi fini particolari, dal dovere di adempiere qualche obbligazione, egli sempre adempie un dovere naturale, il quale non cessa di essere tale ed obbligatorio, benchè non abbia la sanzione civile

29. Intqal ukoll: «*Illi t-tribun Joubert, fir-relazzjoni tiegħu "in subjecta materia", (ara Rapport numru 5 Locrè, t.VI, paġ. 206), jgħid ċar illi l-fondament ta' kwalunkwe obbligazzjoni jirrisjedi fil-kuxjenza ta' min jagħmilha; id-dritt ċivili jintervjeni biss għall-forma tagħha; imma l-forma tista' biss tirriferixxi ruħha għall-azzjoni ċivili, u l-veru fundament ta' l-obbligazzjoni jibqa' dejjem radikat fil-kuxjenza tal-kontraenti, u jekk jeżisti dak il-fundament, għalkemm tonqos il-forma, il-pagament li jkun sar għandu jiġi konvalidat*» (***Lorenzo Casha vs. Rita Portelli et***, Prim'Awla, 29/5/1948)[29].

30. Fuq l-iskorta ta' dawn id-deċiżjonijiet, u oħrajn hemmhekk ċitati, din il-qorti qed tikkonkludi li anki kieku *ex hypothesi* kellu jitqies li l-ħlas magħmul mill-attriċi lill-konvenut Louis Borg fit-23 ta' Diċembru 2015 kien nieqes minn *causa*, jibqa' l-fatt li dak il-ħlas sar taħt obbligazzjoni naturali li tirrisjedi fil-kuxjenza tal-attriċi, li bis-saħħa ta' dak il-ħlas kisbet mingħand il-konvenuti opportunità oħra biex tagħlaq in-negozju tagħha magħhom, liema opportunità ġiet konkretizzata b'konvenju ieħor, u ċjoè dak tal-20 ta' Ġunju 2016, li ġie milqut b'nullità biss minħabba n-nuqqas tal-istess attriċi li tħallas dak dovut minnha skont il-liġi fiskali.

31. Din il-qorti qed tasal għalhekk għall-konklużjoni li dak imħallas mill-attriċi kien hekk imħallas bis-saħħa ta' obbligazzjoni naturali li anki jekk ċivilment kienet karenti, hija ta' xkiel għall-azzjoni tagħha għar-ripetizzjoni tal-ħlas la darba rriżulta li dak il-ħlas sar

[29] Kollezz. Vol.XXXIII.ii.281.

minnha versu gwadann li ġie mogħti lilha mill-konvenuti, abbażi ta' ftehim verbali li jkun ripunjanti għas-sewwa li l-attriċi titħalla tirreċedi minnu. Dan, fil-fehma tal-qorti, jikkostitwixxi obbligazzjoni naturali nkombenti fuq l-attriċi li jipparalizza ċertament il-pretensjonijiet tagħha f'din il-kawża.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' s-sitt u t-tmien eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

(ii) tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi kif dedotta;

(iii) tiċħad it-talbiet l-oħrajn kollha tal-attriċi;

(iv) tikkundanna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Il-Qorti qiegħda wkoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jinnotifika kopja ta' din is-sentenza malli tgħaddi in ġudikat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iwettaq l-investigazzjoni opportuna fir-rigward tal-iskrittura datata 23 ta' Diċembru 2015, u eżebita bħala "Dok TD1" mar-rikors ġuramentat tal-kumpanija Ta' Dernis Limited fl-atti tal-kawża bin-numru 878/2017 RGM fuq imsemmija (fol.7) billi ġie allegat li din l-istess skrittura hija falza, kif ukoll tax-xiehda mogħtija minn Thomas Mifsud b'affidavit maħluf fid-19 t'April 2018 u preżentat fl-atti tal-istess kawża (fol.95), fejn dan xehed li fit-23 ta' Diċembru 2015 iffirma konvenju ma' Maria Borg u oħrajn meta jirriżulta li Maria Borg kienet mejta fis-6 t'Awwissu 2015.

.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur